**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2016 – Mitteldeutsche Braunkohlengesellschaft *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-750/15)** [1]

***[“Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Enerġija rinnovabbli — Għajnuna mogħtija minn ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi Ġermaniża emendata dwar is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (Liġi EEG tal-2014) — Sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti li jagħmlu użu intensiv mill-enerġija — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern — Rikors għal annullament — Nuqqas ta' interess ġuridiku — Inammissibbiltà”]***

(2016/C 410/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Mitteldeutsche Braunkohlengesellschaft mbH (Zeitz, il-Ġermanja), RWE Power AG (Essen, il-Ġermanja) u Vattenfall Europe Mining AG (Cottbus, il-Ġermanja) (rappreżentanti: U. Karpenstein, K. Dingemann u M. Kottmann, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Herrmann u T. Maxian Rusche, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 5081 finali, tat-23 ta' Lulju 2014, dwar is-sistema ta' għajnuna mill-Istat SA.38632 (2014/N) implementata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (EEG 2014 – Riforma tal-liġi dwar l-enerġija rinnovabbli).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Mitteldeutsche Braunkohlengesellschaft mbH, RWE Power AG u Vattenfall Europe Mining AG huma kkundannati għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 59, 15.2.2016.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2016 – Sogepa vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-761/15)** [1]

***(“Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Kristallerija — Għajnuna taħt forma ta' self — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern — Obbligu li tiġi rkuprata l-għajnuna mogħtija favur impriża kumpannija falluta — Ksur tar-rekwiżiti proċedurali formali — Inammissibbiltà”)***

(2016/C 410/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Société wallonne de gestion et de participations (Sogepa) (Liège, il-Belġju)(rappreżentanti: A. Lepièce u H. Baeyens, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland, L. Armati u B. Stromsky, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-Artikoli 3 sa 6 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1825 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar l-għajnuna tal-Istat mhux innotifikata SA.34791 (2013/C) (ex 2012/NN) – il-Belġju – Għajnuna għas-salvataġġ ta' Val Saint-Lambert SA (ĠU 2015, L 269, p. 47).